## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 23 TA' NOVEMBRU, 2001

*Avviz. Nru 674/01 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta’ estera The Performing Right Society Limited ta’ Londra

vs

Cristone Catering Co. Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), kwantu ghal sitta u sittin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm66.85) Royalty u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm10.03) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja numru 9408 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta’ attrici a favur tas-socjeta’ konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Il-Mithna Restaurant, ghall-perijodu mis-6 ta’ Frar, 2001, sal-5 ta’ Frar, 2002.
Bl-ispejjes tal-Avviz, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta’ April, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Angela Sciberras, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR